**Index No: ____________**

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

------------------------------------------------------------✂------------------------------------------------------------

**Il-kandidat m'għandux jikteb ismu fuq l-ebda paġna tal-karta tal-eżami.**

**Il-kandidat għandu jikteb l-*Index Number* darba BISS fl-ispazju pprovdut hawn fuq.**

# Eżami li jikkwalifika għall-Post ta' Gwardja tas-Sigurtà Fis-Servizz Pubbliku ta' Malta

## April 2025

**Suġġett:** **IL-MALTI**

**Data:** **It-22 t'April 2025**

**Ħin:** **09:00 – 10:30 (Siegħa u nofs)**

**L-istruzzjonijiet ġenerali:**

**Din il-karta tal-eżami fiha ŻEWĠ taqsimiet; Taqsima A u Taqsima B. Il-kandidati jridu jwieġbu ż-ŻEWĠ taqsimiet u għandhom jaqraw sew l-istruzzjonijiet f'kull taqsima. Il-marki għal kull mistoqsija jidhru bejn il-parentesi.**

**It-tweġibiet ta' kull taqsima għandhom jinkitbu bil-pinna blu jew sewda fl-ispazju pprovdut fuq il-karta tal-eżami.**

t + 356 2598 2958 e myexams@gov.mt | www.myexams.gov.mt

**Taqsima A: Il-Fehim mill-Qari**

**Taħriġ 1: L-Arkitettura ta' Pajjiżna** **(20 marka)**

L-arkitettura ta' pajjiżna hija parti importanti tal-istorja nazzjonali Maltija. Il-kultura, it-twemmin, it-tradizzjonijiet wieħed jista' jarahom f'kull ġebla ta' kull monument tal-preistorja, fil-palazzi u l-knejjes, fil-ħitan tas-swar li jdawru l-ibliet, fl-irziezet u d-djar sempliċi tal-kampanja.

Il-pożizzjoni ġeografika tal-gżejjer Maltin kienet il-fattur ewlieni tal-istorja mżewqa tagħna. Il-gżejjer tagħna kienu fiċ-ċentru tar-rotot ewlenija tal-baħħara, gwerrieri avventurieri u kolonizzaturi sa mill-ibgħad żminijiet, u kienu okkupati jew mixtieqa minn qawwiet barranin diversi, l-aktar dawk li kienu l-iżjed b'saħħithom fuq il-baħar. Min kien jaħkem lil Malta kien is-sid tal-Mediterran, u dan fehmuh tajjeb ħafna ħakkiema u kolonizzaturi għal kważi sitt elef sena, jiġifieri mill-bniedem ta' żmien bikri Neolitiku sal-forzi alleati u tal-Assi tat-Tieni Gwerra Dinjija.

Kienet għalhekk ħaġa naturali li Malta ssir iċ-ċentru ta' ħafna ċiviltajiet Mediterranji u Ewropej. Fil-fatt għadd ta' kulturi ħallew il-marka tagħhom f'pajjiżna. Minkejja dawn l-influwenzi eżerċitati fuq pajjiżna sa mis-sebħ taċ-ċiviltà, Malta rnexxielha żżomm l-ilsien, it-twemmin, l-użanzi u l-folklor, iżda l-aktar importanti l-Identità Nazzjonali kkonfermata u msaħħa bl-akkwist tal-Indipendenza u s-sovranità.

Pajjiżna għandu teżori kbar tal-arkitettura. Sa minn żmien il-preistorja, il-ġens Malti bena bil-paċenzja u l-persistenza permezz tal-ġebla mill-barrieri abbandunti, u biha tella' tempji, djar, irziezet, knejjes, swar u l-palazzi, bl-imħabba, bil-ħila u fuq kollox bix-xogħol iebes. Il-ġebla tal-franka kienet minn dejjem l-uniku materjal tal-kostruzzjoni f'pajjiżna, fatt li ta lil Malta karattru speċjali, forsi uniku fl-istorja tal-arkitettura.

**Aħdem il-mistoqsijiet kollha.**

1. Lil min kienu jattiraw il-gżejjer Maltin? **(2 marki)**

_______________________________________________

_______________________________________________

2. Skont il-kittieb, għaliex l-istorja tal-gżejjer Maltin hija tant imżewqa? **(2 marki)**

_______________________________________________

_______________________________________________

3. Semmi **TLIET** affarijiet li Malta baqgħet tħaddan, minkejja l-influwenzi minn ċiviltajiet differenti. **(3 marki)**

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

4. Semmi kif matul l-istorja, l-arkitettura mmanifestat ruħha fil-gżejjer Maltin. **(3 marki)**

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

5. Ikteb il-frażi li turina li l-Maltin huma ħaddiema bieżla fix-xogħol u ta' determinazzjoni. **(2 marki)**

_______________________________________________

_______________________________________________

6. Liema riżorsa unika ta' pajjiżna tat kontribut għall-konstruzzjoni? **(marka)**

_______________________________________________

7. Wara dak li qrajt, għaliex taħseb li għandna nibżgħu għall-wirt arkitettoniku ta' pajjiżna? **(3 marki)**

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

8. Sib u ikteb kliem mis-silta li jfisser: **(4 marki)**

a. mafkar (**minn par. 1**)
b. mżejna (**minn par. 2**)
ċ. ġnus (**minn par. 3**)
d. drawwiet (**minn par. 3**)

| | |
|---|---|
| a. | |
| b. | |
| ċ. | |
| d. | |

**Taħriġ 2: Mars: Il-Pjaneta l-Ħamra** **(30 marka)**

Mars, ir-raba' pjaneta qrib ix-xemx, hija dinja affaxxinanti tassew. Spiss tissejjaħ 'il-Pjaneta l-Ħamra' minħabba d-dehra ħamra tagħha, li ġibdet l-attenzjoni tal-bnedmin għal sekli sħaħ. Mars għandha l-ogħla vulkan fis-sistema solari, magħruf bħala Olympus Mons, li hu madwar 22 kilometru għoli u 600 kilometru fid-dawra tiegħu. Fuq din il-pjaneta nsibu wkoll il-Valles Marineris, sistema ta' widien twila madwar 4,000 kilometru u fonda sa 7 kilometri, ferm ikbar mill-Grand Canyon tal-Amerika.

Ix-xjenzati huma interessati f'Mars minħabba li jemmnu li xi darba kellha ilma likwidu fuq il-wiċċ tagħha. Huma sabu evidenza ta' dan l-ilma fil-kanali u l-minerali li jiffurmaw biss bl-ilma. Għalkemm m'hemmx ilma likwidu attwalment fuq il-wiċċ, hemm ilma li fforma f'silġ fil-poli (it-truf tal-pjaneta) u taħt il-qoxra tal-art.

Fis-snin sittin tas-seklu l-ieħor, bdew l-ewwel tentattivi ta' esplorazzjoni ta' Mars mill-Unjoni Sovjetika u l-Istati Uniti tal-Amerika. Il-pjanijiet kienu li l-ewwel itiru qrib il-pjaneta u wara jinżlu fuqha. Il-missjoni Mariner 4 tal-Amerika kienet l-ewwel waħda ta' suċċess fl-1965. Fis-snin ta' wara beda l-istħarriġ mix-xjenzati fuq il-possibiltà ta' inżul fuq Mars. Bdew bl-osservazzjoni u t-tfassil ta' pjanta ta' wiċċ il-pjaneta l-ħamra. Dan seta' jsir billi tniżżlu għadd ta' vetturi spazjali biex jieħdu filmati u ritratti tal-art u hekk jinsab l-aħjar post għall-inżul.

In-NASA, l-aġenzija spazjali Amerikana, qed tippjana li tniżżel l-ewwel bnedmin fuq din il-pjaneta fis-sena 2035. Dan il-vjaġġ ser ikun wieħed xjentifiku li jieħu madwar seba' xhur fuq kull naħa tal-

pjaneta. B’ kollox, id-distanza hija ta’ 402 miljun kilometru kull triq. L-astronawti mibgħuta jkunu jistgħu jqattgħu sa 500 jum fuq Mars qabel jiġu lura fid-dinja.

**Aħdem il-mistoqsijiet kollha.**

1. Aqta’ linja taħt it-tweġiba t-tajba.

   a) Mars tissejjaħ ukoll il-pjaneta ‘l-ħamra’ għax **(2 marki)**
      i. kienu r-Russi u l-Amerikani li bdew jesplorawha.
      ii. l-art tagħha tidher ħamranija.
      iii. qiegħda ħafna viċin tax-xemx.

   b) Barra li fuq Mars insibu l-ogħla vulkan, hemm ukoll **(2 marki)**
      i. l-ikbar widien fondi fis-sistema solari kollha.
      ii. il-Grand Canyon.
      iii. art fertili li tkabbar ħafna siġar u pjanti.

2. Immarka b’ċirku jekk hux **Veru** jew **Falz**. **(4 marki)**

   i. Jista’ jkun li xi darba fuq Mars kien hemm l-ilma likwidu fil-wiċċ. VERU / FALZ

   ii. Illum l-ilma fuq Mars ma jeżisti mkien, skont ix-xjenzati. VERU / FALZ

3. Liema kienu ż-**ŻEWĠ** pajjiżi superpotenzi li ppruvaw jesploraw din il-pjaneta? **(2 marki)**

| | |
|---|---|
| | |

4a. Għalfejn kien meħtieġ li l-ewwel isiru l-osservazzjoni u t-tfassil ta’ pjanta ta’ Mars? **(2 marki)**

__________________________________________________

__________________________________________________

4b. Meta hu maħsub li jinżlu l-ewwel nies fuq Mars u x’se jkun l-iskop tagħhom? **(3 marki)**

__________________________________________________

__________________________________________________

**5A. Il-Morfoloġija** **(10 marki)**

**Imla l-vojt bil-kelma t-tajba skont dak mitlub fil-parentesi/brackets.**

*The Martian* huwa film ____________(verb minn bażi) fuq ir-rumanz ta' Andy Weir. L-istorja tirrakkonta l-esperjenza ta' astronawta tan-NASA, Mark Watney - parti ____________(kelma minn ħadem) minn Matt Demon - li jispiċċa waħdu fuq Mars wara li l-ekwipaġġ tiegħu ħaseb li miet f'inċident. Mark, għalkemm iċ-________________(plural ta' ċans) tiegħu għall-sopravivenza huma estremament ristretti, jiġbor flimkien l-għarfien tiegħu bħala _____________ (nom maskil minn xjenza) biex jipprova jgħix fuq il-pjaneta __________ (femminil ta' għani) f'minerali u fqira f'elementi essenzjali għall-ħajja.

**5B. L-Ortografija** **(5 marki)**

**Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba minn dawk li hemm fil-parentesi/brackets.**

Il-film jurina l-isforzi (tiegħu/tigħu) biex isib mod kif jgħix billi (jikultiva/jikkultiva) l-ikel u jibni l-(għoddod/għodod) li jeħtieġ għall-komunikazzjoni (mal-/mall-) pjaneta tagħna, id-Dinja. Fl-istess ħin, in-NASA tkun qed tfittex soluzzjonijiet biex issibu u (ssalvah/ssalvaħ).

**Taqsima B: Il-Kitba**
**Taħriġ 1: Il-Kitba ta' Struzzjoni** **(10 marki)**

Ikteb struzzjoni ta' bejn **70 u 80 kelma** fuq wieħed minn dawn it-titli.

a) Klijenta ġiet tixtri prodott elettroniku mill-ħanut tiegħek. Ikteb struzzjoni sabiex din il-klijenta tkun taf pass pass xi trid tagħmel jekk tinqala' ħsara fiż-żmien tal-garanzija.

*jew*

b) Ikteb struzzjoni lill-kollega tiegħek biex tgħidlu/tgħidilha x'għandu/ha j/tagħmel biex j/tapplika għal ġurnata leave mix-xogħol.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

***dawwar il-paġna għal Taħriġ 2***

**Taħriġ 2: IL-Komponiment Ġenerali** **(40 marka)**

Ikteb komponiment ġenerali ta' bejn **180 u 200 kelma** fuq wieħed minn dawn it-titli:

a) L-għajjat soluzzjoni? Iddiskuti.
b) Ġurnata xiri li ma ninsa qatt.
ċ) Ikteb rakkont li jibda: 'It-teknoloġija mhux kollox!'.

**Total: 100 marka**

**TMIEM IL-KARTA TAL-EŻAMI**

PAĠNA VOJTA

PAĠNA VOJTA

PAĠNA VOJTA